MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 55/2001/1

Avviz Nru:-55/01DM

Il-Kunsill Lokali taz-Zejtun

Vs

Letizia Scicluna

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuta ghal hlas ta' somma ta' hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu (Lm526.80) dovuti minnha bhala bilanc ta' 'notice money' lill-Kunsill, liema somma l-konvenuta giet inutilment interpellata sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali tal-15 ta' Marzu 2000.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data tad-dovut pagament sad-data tal-pagament effettiv, ai termini ta' l-

Artikolu 1141 (1) tal-Kodici Civili, u bir-rizerva ta' kull dritt fil-ligi kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Letizia Scicluna fejn eccepiet illi:

1 Fl-ewwel lok, il-preskrizzjoni ta' sena skond l-Kap 12 u l-Kap 135. Il-konvenuta spiccat mill-impjieg f'Novembru 1996 fil waqt illi l-atturi vvantaw il-pretenzjoni taghhom gudizzjarment f'Marzu 2000, fil waqt illi pretenzjonijiet dwar paga huma preskritti fi zmien sena.

2 Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju, illi l-ammont dovut ma huwiex kif rikjamat izda ghandu jigi kkalkolat a tenur ta' l-Artikoli rilevanti tal-Kap 135, fejn, meta l-impjegat jonqos milli jahdem iz-zmien dovut bhala avviz ta' temm ta' mpjieg, jigi tenut obbligat ihallas nofs il-bilanc ta' paga ghaz-zmien li fiha ma baqax fl-impjieg. Fil-kaz in ezami, l-partijiet ftehmu illi l-impjegat ghandu jghati 90 gurnata avviz ta' temm ta' impjieg: il-konvenuta tat madwar gimgha, u ghalhekk ghandu jigi kkunsidrat illi ghandha taghti l-ekwivalenti ghal nofs il-bilanc ta' zmien li kien fadlilha tahdem, wara tnaqqis tal-'leave' li seta kien baqa' favur taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Ottubru 2002 fejn il-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Ghalkemm fl-eccezzjoni fil-mertu sollevata mill-konvenuta hija taghmel riferenza ghall-Artikoli rilevanti tal-Kap 135 u ghal xi kunteggi ulterjuri li kellhom jsiru dwar is-somma dovuta, jirrizulta mill-korrispondenza esibita, illi l-istess

konvenuta, qabel ma kienu bdew dawn il-proceduri, kienet digia' lahqet waslet fi ftehim mall-Kunsill l-attur dwar l-ammont dovut.

Infatti mill-korrispondenza skambjata bejn l-atturi u l-avukat Dr George Abela, li kien qed jirrapprezenta lill-konvenuta, jirrizulta illi l-ammont ta' Lm676.80 ( sitt mija u sitta u sebghin lira Maltin u tmenin centezmu) li gie mitlub mill-Kunsill bhala ammont likwidat ta' 'notice money ', qatt ma kien gie kkontestat, izda kienu saru biss talbiet sabiex fl-ewwel lok il-Kunsill jirrivedi t-talba tieghu fuq kunsiderazzjonijiet purament personali relattivi ghall-istess konvenuta u in segwitu anke intalbet dilazzjoni fil-pagament tal-ammont miftiehem. Dawn l-ittri jinsabu esibiti minn fol. 37 sa fol. 29 tal-process.

Dan l-iskambju ta' ittri imbaghad ikkulmina fl-ittra tal-istess konvenuta spedita fil-25 ta' Awissu 1998 fejn din, digia' munita bil-likwidazzjoni dettaljata tal-ammont mitlub mill-Kunsill notifikata lilha fil-25 ta' Novembru 1996 (vide *annex 8* minn fol.14 sa fol. 16 tal-process), ikkonfermat li hija debitrici ta' dan l-ammont u inkondizzjonatament ipproponit illi thallas dan l-ammont permess ta' rati mensili ta' Lm50 (hamsin lira Maltin) il-wahda u ghaddiet biex taghmel pagamenti akkont u effettivament ghamlet tlett (3) pagamenti, komplessivament ammontanti ghal Lm150 (mija u hamsin lira Maltin). Dawn il-pagamenti gew accettati mill-atturi a bazi ta t-transazzjoni li gew imnaqqsa mill-ammont miftiehem.

Infatti mill-korrispondenza esibita minn fol. 34 sa fol. 36 jirrizulta li l-atturi kienu accettaw il-proposta tal-konvenuti dwar id-dilazzjoni fil-pagament u ma bdewx proceduri gudizzjarji.

Ghalhekk il-Kunsill attur kien gustifikat illi jitlob il-bilanc ta' Lm526.80 (hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu).

Ghalhekk, stante dan il-ftehim konkjuz a bazi ta' liema l-konvenuta kkonfermat digia' illi hija debitrici tal-atturi fl-ammont likwidat kif mitlub mill-atturi, kwalunkwe kuntegg

ulterjuri jew kontestazzjoni dwar kif saru l-konteggi illum huma prekluzi billi lanqas zball fil-ligi ma jaghti lok li jigi attakkat il-ftehim ta transazzjoni (v. Art. 1179(2) tal-Kap. 16).

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa t-talba attrici u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma mitluba ta'Lm526.80 (hames mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmenin centezmu), bl-imghax legali b'effett mill-15 ta'Marzu 2000.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------